MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 463/2003

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Sealand Fish Farm Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, erba' mija u wiehed u tletin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm2,431.12) rapprezentanti ammont dovut mis-socjeta' konvenuta in konnessjoni ma' servizzi telefonici in kwantu ghal (elf, tlitt mija u tmienja u disghin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu) LM1,398.89 fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 570002 u in kwantu ghal (elf, u tnejn u tletin lira Maltin u tlieta u ghoxin centezmu) Lm1,032.23 fuq servizz telefoniku 21570001 (skond kif jirrizulta mill-anness Dok A) liema servizz gie nstallat fil-fond Sealand Limited ta'

Rkuplu, limiti ta' San Pawl il-Bahar u dana kif jirrizulta mill-anness Dok B.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezentata ta' l-Avviz, u ta' l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet legali, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-27 ta' Ottubru, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------